**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

**MAGISTRAT**

**DR. CAROLINE FARRUGIA FRENDO**

***B.A. (Legal and Humanistic Studies), LL.D.,***

***M.Juris (International Law), Dip. Trib. Eccl. Melit.***

**Il-Pulizija**

**Spettur Godwin Scerri**

**vs**

**Charlene Gatt**

**Distrett Hamrun**

**Illum 8 ta' Lulju, 2020**

Il-Qorti,

Rat lil Charlene Gatt detentrici tal-karta tal-identita' Maltija nru 254785M.

Billi hi akkuzata talli f'diversi granet differenti fix-xhur ta' Jannar, Frar, Marzu u April tas-sena 2020, naqset milli thares il-kondizzjonijiet imposti fuqha mill-Magistrat Dr. Aaron M. Bugeja LL.D. fid-digriet tieghu datat 20 ta' Frar, 2019 li bih ta l-helsien mill-arrest taht garanzija u dan bi ksur tal-Artikolu 579(1)(2) u (3) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Akkuzata wkoll talli fid-9 t'April, 2020 ghal habta tad-9:15 ta' filghaxija gewwa l-Gzira u fis-16 t'April, 2020 ghal habta tad-9:30 ta' filghaxija gewwa l-Marsa, irrifjutat li taghti, jew ipprovdiet falz lill-ufficjal pubbliku jew persuna inkarigata mis-servizz pubbliku l-partikularitajiet taghha, bi ksur tal-Artikolu 338(g) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Akkuzata wkoll talli fid-dati u zminijiet imsemmija qabel f'post pubbliku jew f'post espost ghal pubbliku tlajjat jew ghamlet biex thajjar ghal skop ta' prostituzzjoni jew ghal skopijiet immorali, bi ksur tal-Artikolu 7(2) tal-Kapitolu 63 tal-Ligijiet ta' Malta.

Akkuzata wkoll talli fid-dati u zminijiet imsemmija qabel wettqet reati/I waqt il-perjodu attivi ta' Ordni ta' Probation b'sentenza datata nhar it-22 ta' Mejju, 2018 ai termini tal-Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

U aktar talli fid-dati, hinijiet u cirkustanzi imsemmija qabel ma keinitx fil-pussess tal-karta tal-identita' bi ksur tal-Artikolu 4 tal-Kapitolu 258 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti hija gentilment mitluba sabiex tirrevoka contrario mperio d-digriet tal-helsien mill-arrest u tordna l-arrest mill-gdid tal-imsemmija Charlene Gatt, kif ukoll tordna s-sommom ta' 500 ewro bhala depositu u 14,500 ewro bhala garanzija personali li gew imposti fuqha sabiex jaghmlu tajjeb ghal beneficcju tal-helsien mill-arrest jghaddu favur il-Gvern ta' Malta.

Il-Qorti hija wkoll gentilment mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkonsidra lil Charlene Gatt bhala recidiva ai termini tal-Artikoli 49, 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti tal-kawza u d-dokumenti ezebiti u cioè estratt mill-att tac-certifikat tat-twelid tal-imputata mmarkata bhala Dok GS1, fedina penali tal-imputata mmarkata bhala Dok GS2, fotokopja tal-kundizzjonijiet tal-helsien mill-arrest kif mahruga mill-Magistrat Dr. Aaron M Bugeja mmarkati bhala Dok GS3, envelope kannella li kien fih il-karta tal-identita' tal-imputata mmarkata bhala Dok GS4, fotokopja tal-ircevuta li nghatat lill-imputata tal-karta tal-identita' taghha, fotokopja tal-karta tal-identita' tal-imputata, current incident report datat 11 t'April, 2020 immarkat bhala Dok GB1, current incident report datat 17 t'April, 2020 immarkat bhala Dok GB2, affidavit ta' WPC 377 L. Spiteri mmarkat bhala Dok HS1, vera kopja tal-kundizzjonijiet ghal dehra ta' persuna ai termini tal-Artikolu 412A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta mmarkat bhala Dok MDF1, vera kopja ta' sentenza datata 22 ta' Mejju 2018 immarkata bhaal Dok MDF2, vera kopja ta' verbal datat 12 ta' Novembru, 2019 immarkat bhala Dok MDF3, vera kopja ta' sentenza datata 9 ta' Lulju, 2019 immarkata bhala Dok MDF4, bail book immarkat bhala Dok GS1, stqarrija tal-imputata datat 19 t'April, 2020 mmarkat bhala Dok GS2, kopja ta' kundizzjonijiet ghal helsien mill-arrest immarkat bhala Dok GS3, envelope kontenenti ritratti mmarkati bhala Dok GS4.

Semghet ix-xhieda tal-Prosekuzzjoni u cioe' WPC 60 Grace Bianco, PC 27 Alan Zahra, WPS 233 Audrey Micallef, WPS 220 Jannetta Grixti, Maria Dolores Fenech.

**Ikkunsidrat:**

**WPC 60 Grace Bianco,** tghid li fid-9 t'April, 2020 kienet qeghda tghamel spezzjonijiet gewwa l-Gzira u Ta' Xbieb dwar tlajjar u prostituzzjoni. Tispjega li ghal habta tad-9:10 innutat persuna femminili gewwa triq Enrico Mizzi, Ta' Xbiex u ghalhekk hi ghaddiet bil-karozza minn maghha u talbitha l-particulars. Din il-persuna femminili qalet li jisimha Stacey Gatt u meta ntalbet il-particulars tal-karta tal-identita' u l-indirizz taghha, qalet li ma kienitx tafhom bl-amment id-dettalji. WPC 60 baqghet ghaddejja fuq patrol, izda iktar tard mal-lejl, gewwa Triq Testaferrata, regghet rat lil

din il-persuna femminili u ghalhekk regghet waqfet hdejha meta ghajtitilha bl-isem ta' Charlene, din il-persuna femminili harset lura, u kif lemhet il-pulizija, harbet tigri. Fil-fatt, il-pulizija, li kienu 4 fil-vettura tas-servizz nizlu jigru wara Charlene Gatt izda tilfuha. Kienu l-girien li nfurmaw lil pulizija li Charlene Gatt kienet dahlet f'wiehed mill-appartamenti u bdiet iccempel il-bibien tal-appartamenti biex jifhtilha xi hadd. Il-pulizja nizlet mill-karozza izda Charlene Gatt lahqet harbet. Fis-16 t'April, 2020, WPC 60 regghet kienet patrol u ghal habta tad-9:20 rat lil Charlene Gatt fi Triq is-Salib u hekk kif Charlene Gatt lemhet il-pulizija, din rikbet vettura li kienet ipparkjata fejn il-BOV sabiex titlaq minn fuq il-post. Il-pulizija waqfu l-vettura taghhom wara l-karozza ta' Charlene Gatt u regghu talbuha l-particulars taghha. Din regghet insistiet li jisimha Stacy Gatt. Hawnhekk WPC 60 infurmatha li taf li jisimha Charlene Gatt izda din baqghet tinsisti li isimha Stacy. Regghet intalbet tati l-particulars taghha, izda regghet infurmat lil Pulizija li ma kienitx tafhom id-dettalji. Peress li l-pulizija baqghet tinsisti li kienet taf li din il-persuna hija Charlene Gatt, din tal-ahhar bdiet tghid lil pulizija li Charlene Gatt hija ohtha u ghalhekk bdiet taghti l-particulars ta' ohtha lil pulizija, mentri fil-verita' il-particulars kienu taghha stess. L-ghada, WPC marret fl-indirizz ta' Stacey Gatt li tigi oht il-persuna femminili li fil-verita' hija Charlene Gatt, u l-pulizija kkonfermat li Stacey Gatt ma kienitx l-istess persuna li kelmet il-lejl ta' qabel u li nsistiet maghha li kien jisimha Stacey Gatt. WPC 60 tispjega li nghatat in-numru ta' registrazzjoni ta' vettura CTS190 in konnessjoni ma Charlene Gatt li kienet qed titlajja u fil-fatt din il-vettura nhargitilha citazzjoni stante li kellha l-licenzja skaduta. L-ghamla tal-vettura hija Toyota Celica silver u Charlene Gatt kienet tigri b'din il-karozza.

**PC 27 Alan Zahra,** jghid li fid-9 t'April, 2020, hu flimkien mal-kollegi tieghu WPS 233, WPC 60 u PC 1397 marru ronda gewwa l-Gzira u ghal habta tad-9:10 gewwa Triq Enrico Mizzi raw persuna femminili titlajja. Talbuha l-particulars taghha u qaltilhom li jisimha Stacey Gatt u ma kienitx taf in-numru tal-karta tal-identita' taghha. Meta ntalbet ghad-data tat-twelid taghha, hi qalet li twieldet fis-17 t'April, 1989 u meta ccekkjaw mal-control room irrizulta li kienet Stacey Gatt, bin-numru tal-karta tal-identita' 186989. PC 27 jghid pero' li dak il-hin, kien jaf li l-persuna kienet Charlene Gatt u mhux Stacey Gatt ghaliex hija maghrufa mal-Vice Squad. Iktar tard raw vettura bin-numru ta' registrazzjoni CTS 190 tal-ghamla Toyota Celica silver u meta ccekkjaw mal-control room irrizulta li sid il-vettura kienet Charlene Gatt bil-karta tal-identita' numru 254785M. Fil-fatt, x'hin harget Charlene Gatt, il-pulizija ghajtulha bl-isem ta' Charlene u din harset u kienet miexja fid-direzzjoni taghhom, izda x'hin indunat li kienu pulizija, harbet tigri. Fis-16 t'April, 2020 PC 27 rega' kien ronda mal-kollegi tieghu fejn ghal habta tad-9:20 lemhu lil Charlene Gatt titlajja u meta hi rat il-pulizija, dahlet tigri fil-karozza Toyota Celica. Jghid li WPC 60 kompliet tinvestiga fejn marret tkellem lil Stacey Gatt wicc imb'wicc fejn gie stabbilit li Stacey Gatt hija oht Charlene Gatt u kienet Charlene Gatt li tathom il-particulars foloz.

**WPS 233 Audrey Micallef,** tispjega li kellha struzzjonijiet mill-Assistent Kummissarju Dennis Theuma sabiex hi u l-kollegi taghha jaghmlu spezzjonijiet gewwa l-Gzira u Ta' Xbiex u l-Msida fid-9 t'April, 2020. Hi marret ma tlett kollegi ohra u ghal tikkonferma li ghal habta tad-9:10 gewwa Triq Enrico Mizzi l-Gzira innutaw tfajla li kienet titlajja hemmhekk ta' spiss. Meta ntalbet il-particulars, din it-tfajla qalet li jisimha Stacey Gatt u li ma kienitx taf id-dettalji tal-karta tal-identita' taghha. Qalet li twieldet fis-17 t'April, 1989. Meta l-pulizija ghamlu l-verifiki taghhom mal-control

room, sabu li d-dettalji li tathom din it-tfajla kienu korretti, izda l-pulizija kienu jafu li din it-tfajla mhux veru kien jisimha Stacey Gatt, izda Charlene Gatt stante li kienet maghrufa mal-pulizija. Il-pulizija kellhom struzzjonijiet sabiex izommu attenzjoni ghal karozza Toyota Celica silver bin-numru ta' registrazzjoni CTS 190 u WPS 233 qabel ma harget ghar-ronda, iccekkjat mal-PIRS u rrizultalha li din il-karozza tghajjat lil Charlene Gatt. Iktar tard, regghu nnutaw lil Charlene Gatt hierga minn xi blokka appartamenti biex tirkeb il-karozza u titlaq minn fuq il-post u l-pulizija sejhulha b'isimha Charlene, fejn din harset, izda kif indunat li kienu pulizija, harbet tigri.

**WPS 220 Jannetta Grixti,** tghid li fis-16 t'April, 2020 kienet patrol fejn ghal habta tad-9:20, gewwa Triq is-Salib, Marsa kien hemm persuna qed titlajja u hekk kif rat il-pulizija, dahlet tigri fil-karozza taghha, Toyota Celica bin-numru ta' registrazzjoni CTS 190. WPC 60 marret tkellimha u tathom particulars differenti minn taghha u qaltilhom li jisimha Stacey Gatt. WPC 60 urietha ritratt minn fuq facebook fejn kienet tidher Charlene Gatt fejn il-vettura taghha.

**Maria Dolores Fenech,** ipprezentat diversi sentenzi u kundizzjonijiet ghal helsien mill-arrest fil-konfront ta' Charlene Gatt.

Rat li fis-seduta tat -3 ta' Lulju 2020 l-imputata tenniet l-ammissjoni taghha ghal dak li jirrigwarda it-tieni u l-hames akkuza.

**Ikkunsidrat:**

<u>L-ewwel imputazzjoni</u>

Illi ghar-rigward din l-imputazzjoni u l-kaz in ezami gie ipprezentat mill-Ispettur Godwin Scerri fis-seduta tat-28 ta' Mejju 2020 il-*bail conditions* li allegatament gew miksura mill-imputata. Dan id-dokument huwa immarkat Dok GS3. Jidher illi hemm l-istess kopja ipprezentata wkoll a fol 15 tal-process. Illi l-Qorti tinnota li din il-kopja giet ezebita mill-istess Ufficcjal Prosekutur u fix-xhieda tieghu meta ipprezenta dan id-dokument, huwa ma jindikax jekk dawn il-kundizzjonijiet kienux *in vigore* fil-mument ta' l-allegati reati. Illi meta wiehed janalizza l-istess dokument jirrizulta li huwa semplice fotokopja ta' dokument ghaliex m'ghandu l-ebda timbru ta' vera kopja fuqu. Inoltre l-prosekuzzjoni tellghet tixhed lir-Registratur tal-Qorti Kriminali, l-PL Maria Dolores Fenech u ta' dan id-dokument ma sar l-ebda referenza minnha u wisq inqas xehdet fuqu biex tivverifika jekk hux vera kopja ta' l-original u jekk l-istess kundizzjonijiet kienux in vigore fid-data ta' l-allegati reati.

Ghalhekk din l-imputazzjoni ma gietx ippruvata kif tirrikjedi l-Ligi.

<u>It-tieni u l-hames imputazzjoni</u>

Illi fis-seduta tat-3 ta' Lulju 2020 l-imputata irregistrat ammissjoni ghal dawn l-akkuzi wara li nghatat zmien xieraq sabiex terga tirrikunsidra l-istess ammissjoni taghha u wara li l-Qorti spjegat il-konsegwenzi ta' tali ammissjoni, hija ikkonfermat l-istess. Ghalhekk ghal dawn l-imputazzjoni l-Qorti m'ghandha l-ebda triq ohra ghajr li ssib lill-imputata hatja taghhom.

It-tielet imputazzjoni

Illi l-imputata qed tichad din l-imputazzjoni. Illi skond dak deciz mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fil-kawza *Il-Pulizija vs Mary Rose Vassallo* deciza mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali datata 29 ta' Marzu 2006, biex tirnexxi l-imputazzjoni ai termini ta' l-Artikolu 7(2) tal-Kapitolu 63 tal-Ligijiet ta' Malta, irid jigi pruvat, fil-grad rikjest mil-ligi li l-persuna imputata tkun, fi triq jew f'post pubbliku jew espot ghall-pubbliku, tlajjat jew ghamlet biex thajjar ghal skop ta' prostituzzjoni jew skopijiet immorali ohra. Tali prova ssir permezz, u tista' tirrizulta minn diversi cirkostanzi, mehudha wahedhom jew flimkien, bhal per ezempju, diskors li ntqal, pozi li jittiehdu, ilbies li jintlibes, kemm persuna ddum f'post partikolari u lil min tavvicina u hafna cirkostanzi ohra.

Illi kif gie ritenut fil-kawza fl-ismijiet *"Il-Pulizija vs Michael Falzon"* datata 19 ta' Gunju 2002 mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali;

*"jitlajja jew jaghmel biex ihajjar ghal skop ta' prostituzzjoni u ("loiters or solicits for the purpose of prostitution", fit-test Ingliz) ma jirrikjedix li jkun hemm l-element li wiehed idejjaq lil dak li jkun jew "importuning" billi wiehed ikun "petulanti, insistenti, nojjuz u koncetti simili." Bizzejjed li persuna tkun miexja jew tistenna f'post maghruf ghal skop ta' laqghat immorali jew ta' prostituzzjoni. Hemm umbaghad cirkostanzi ohra li jindikaw li t-tlajjar ikun qed isir ghal skop immorali, bhal meta jsir f'xi triq mudlama jew imwarrba jew xi gnien pubbliku mwarrab jew mudlam u f'post li jkun maghruf ghal dan l-iskop. L-element tat-thajjir umbaghad jista' jigi dezunt minn ilbies qasir u provokanti tal-persuna li tkun qed titlajja b'mod li jindika lil dak li jkun li dik tkun persuna abitwata u mixhuta fix-xoghol tal-prostituzzjoni u li qeghda hemm ghal dak l-iskop. L-element tac-"circumstantial evidence" huwa f'dan ir-reat evidentement important u minnu wiehed jista' jiddezumi il-veri intenzjoni ta' dak li jkun."*

Fis-sentenza fl-ismijiet *Il-Pulizija vs Joseph Vella* datata 30 ta' Mejju 1994, mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali, gie ritenut li,

*"Biex tirnexxi prosekuzzjoni taht l-art.7(2) tal-Kap.63 irid jigi ippruvat, fil-grad rikjest mill-ligi ghal procedimenti penali, li l-persuna akkuzata, tkun fit-triq jew f'post pubbliku jew espost ghal pubbliku, tlajjat (loitered) jew ghamlet biex thajjar (solicited) ghal skop ta' prostituzzjoni jew skopijiet immorali ohra. Tali prova tista' issir permezz, u tista' tirrizulta minn, diversi cirkustanzi mehuda wahedhom jew flimkien, bhal, per ezempju, diskors li intqal, pozi li jittiehdu, ilbies li jintlibes, kemm persuna iddum f'post partikolari u lil min tavvicina u hafna cirkustanzi ohra. Fil-kaz Behrendt vs Burridge(1977)1 W.L.R 29, prostituta giet ritenuta li kienet qed taghmel biex thajjar ghal skop ta' prostituzzjoni billi semplicement qaghdet liebsa skullata fuq banketta gholja wara l-hgiega ta' tieqa li kienet taghti ghat-triq illuminata b'dawl ahmar. Dan il-kaz qed jigi iccitat proprju ghax kien jikkoncerna d-disposizzjoni ta'l-Street Offences Act 1959 li fuqha gie immodellat is-subartikolu (2) ta'l-artikolu 7 tal-Kap.63."*

Illi minn ezami ta' l-erbgha xhieda mismugha u cioe' ta' WPC 60 Grace Bianco, PC 27 Alan Zahra, WPS 233 Audrey Micallef u WPS 220 Janetta Grixti jemergu s-segwenti fatti:

- Illi l-imputata giet osservata fi Triq Enrico Mizzi, ta' Xbiex qeghda titlajja fil-gurnata tad-9 t'April 2020 ghall-habta tad-disgha u ghaxra (9:10pm) ta'

filghaxija u darb'ohra fl-istess lejl fl-istess akkwati izda f'lokalita' ohra u cioe' Triq Testaferrata, Gzira gewwa sqaq;

- Illi l-imputata regghet giet osservata waqt ronda ohra li saret fl-istess xahar u cioe' fis-16 t'April 2020 titlajja fi Triq is-Salib il-Marsa;
- Illi l-vettura CTS190 li tappartjeni lill-imputata kienet qed tigi osservata ta' kuljum fil-Gzira, u dan gie ikkonfermat mill-istess xhieda li raw lill-istess imputata tersaq lejn il-vettura;
- Illi fl-opinjoni ta' dawn l-ufficcjali tal-pulizija din il-persuna kienet qed titlajja peress li kienet maghrufa maghhom stante li mhux darba kienet tkun f'dawn il-postijiet titlajja u thajjar ghal skop ta' prostituzzjoni fl-istess akkwati;

Dawn il-postijiet indikati kemm fil-Gzira kif ukoll fil-Marsa huma postijiet maghrufin sew kemm mill-pubbliku in generali kif ukoll gie dikjarat f'diversi sentenzi mill-Qrati nostrana li dawn huma postijiet maghrufa ghall-prostituzzjoni. Jirrizulta li l-ufficcjali msemmija lill-imputata jafuha sew, u l-Qorti tinnota li mill-fedina penali ta' l-imputata din mhux l-ewwel darba li l-imputata kienet f'dawn l-akkwati ghal skopijiet ta' prostituzzjoni, titlajja. Ghalhekk din il-Qorti m'ghandiex l-icken ombra ta' dubju li l-imputata kienet hemm f'dawk il-hinijiet ghal skop ta' prostituzzjoni jew skopijiet immorali u ghalxejn aktar.

L-imputata f'din il-kawza ma' offriet l-ebda spjegazzjoni ghall-prezenza taghha f'dawn il-postijiet fil-hinijiet indikati li tista' tissodisfa, almenu sal-grad tal-probabbli lill-gudikant.

Ghalhekk il-Qorti qed issib htija ghal din l-imputazzjoni.

<u>Ir-raba' imputazzjoni</u>

Illi ghar-rigward din l-imputazzjoni l-prosekuzzjoni harrket lir-Registratur tal-Qorti Kriminali, l-PL Maria Dolores Fenech u waqt ix-xhieda taghha datata 28 ta' Mejju 2020 ezebiet vera kopja tas-sentenza indikata mill-Magistrat D. Frendo Dimech meta fid-data tat-22 ta' Mejju 2018 l-imputata kienet tqeghdet taht ordni ta' probation ghal perjodu ta' tlett (3) snin.

Illi stante li l-Qorti iddikjarat li qed issib htija ghat-tielet imputazzjoni, jirrizulta ghalhekk li l-imputata wettqet reat fit-terminu operattiv tas-sentenza citata u ghalhekk din l-imputazzjoni giet ippruvata wkoll. Ghalhekk il-Qorti se titratta ma' l-imputata kif jipprovdi l-Artikolu 23(1)(a) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

<u>Piena</u>

Illi dwar il-piena l-Qorti qieset in-natura tar-reati li qeghda tinstab hatja dwarhom, tal-fedina penali kopjuza ta' l-imputata u c-cirkostanzi l-ohra tal-kaz. Illi l-Qorti ma tistax ma tikkunsidrax piena karcerarja effettiva u dan peress li minn qari akkurat tal-fedina penali ta' l-imputata jirrizulta li l-imputata nghatat diversi opportunitajiet matul is-snin mill-Qrati sabiex tirriforma ruhha u terga' tibda tghix hajja gdida izda hija qatt ma uzufruwiet minn dawn l-opportunitajiet u baqghet tghix f'hajja ta' kriminalita' fejn jirrizulta li l-maggoranza ta' reati li taghha nstabet hatja matul is-snin huma

strettament relatati ma' l-akkuzi l-Qorti ghandha fil-kawza odjerna. Ghalhekk piena karcerarja hija f'dawn ic-cirkostanzi kollha l-aktar wahda idoneja.

Illi jirrizulta wkoll li l-prova dwar l-addebitu tar-recidiva saret billi gew ezebiti zewg sentenzi kontra l-imputata datati 22 ta' Mejju 2018 u 9 ta' Lulju 2019, u f'dawn l-imsemmija sentenzi immarjati fil-process bhala MDF 2 u MDF 4 il-konnotati ta' l-imputata jaqblu perfettament.

Decide:

Ghalhekk, il-Qorti wara li rat l-Artikolu 338(g) u 258 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Artikolu 7(2) tal-Kapitolu 63 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta qed issib lill-imputata hatja tat-tieni, it-tielet, ir-raba' u l-hames imputazzjoni, ma ssibx lill-imputata hatja ta' l-ewwel imputazzjoni stante li ma tirrizultax u ghaldaqstant tilliberaha minnha, tikkundanna lill-hatja ghal perjodu komplessiv ta' **seba' xhur pringunerija** effettiva, li minnhom ghandu jitnaqqas il-perjodu ta' zmien l-imputata ghamlet taht arress preventiv.

**Dr. Caroline Farrugia Frendo LL.D.**
**Magistrat**

**Nadia Ciappara**
**Deputat Registratur**